# **Bliet u reġjuni: patt biex tieqaf il-vjolenza sesswali kontra t-tfal**

Kontribuzzjoni tal-Kungress
lill-Kunsill tal-Ewropa
Kampanja WIEĦED MINN KULL ĦAMSA

approvat mill-Bureau tal-Kungress fl-14 ta' Settembru, 2012

Layout: Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa

Edizzjoni: Frar 2013

# Werrej

Preżentazzjoni tal-Patt.......................................................................5

Dwar x'hiex jittratta?.......................................................................5

Għaliex jinvolvi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali? ...........................6

X'qed jipproponi l-Kungress?..........................................................6

X'jixtieq il-Kungress tal-Kunsill tal-Ewropa li jagħmlu awtoritajiet lokali u reġjonali?.......................................................................7

X'inhu l-Patt tal-Kungress għall-bliet u r-reġjuni biex tieqaf il-vjolenza sesswali kontra t-tfal? ...................................................8

X'jinvolvi r-reġistrazzjoni għall-Patt? ..............................................9

Min huma l-imsieħba ewlenin? ......................................................10

X'inhuma l-erba' "P"? .......................................................................10

L-erba' "P": Prevenzjoni....................................................................11

L-erba "P": Protezzjoni......................................................................17

L-erba' "P": Prosekuzzjoni ................................................................19

L-erba' "P": Parteċipazzjoni ..............................................................20

X'azzjoni speċifika tista' tittieħed fil-livell reġjonali?...........................20

Il-Patt kif se jaħdem fil-prattika? .......................................................21

Pjattaforma *online* biex wieħed jirreġistra għall-Patt .....................21

Lista ta' kontroll għall-azzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali ........22

Prevenzjoni .......................................................................................22

Protezzjoni.........................................................................................23

Dokumenti u siti ta' referenza ...........................................................24

# Preżentazzjoni tal-Patt

## Dwar x'hiex jittratta?

Id-dejta disponibbli tissuġġerixxi li madwar tifel (jew tifla) wieħed minn kull ħamsa fl-Ewropa hu vittma ta' xi forma ta' vjolenza sesswali, waħda mill-agħar forom ta' vjolenza kontra t-tfal. Il-vjolenza sesswali tista' tieħu diversi forom li jinkludu l-inċest, il-pornografija, il-prostituzzjoni, it-traffikar tal-bnedmin, il-korruzzjoni, is-sollecitazzjoni permezz tal-Internet, l-isfruttament sesswali u l-abbuż sesswali. Dawn kollha jistgħu jikkawzaw u fil-fatt jikkawżaw ħsara serja għas-saħħa mentali u fiżika tat-tfal. Il-konsegwenzi tal-abbuż sesswali jibqgħu mat-tfal fil-ħajja adulta tagħhom - ħajja li skont rakkonti personali tisfa mimlija niket moħbi u uġigħ.

Fl-2010, il-Kunsill tal-Ewropa nieda kampanja biex jindirizza l-kwistjoni tal-vjolenza sesswali kontra t-tfal. Din il-kampanja, bl-isem WIEĦED MINN KULL ĦAMSA biex tirrifletti l-firxa tal-problema, timmira li jkun hemm aktar firem, ratifiki u implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament Sesswali u l-Abbuż Sesswali (minn hawn imsejħa "il-Konvenzjoni ta' Lanzarote"); u biex tagħti lit-tfal, lil-familji/carers u lis-soċjetajiet in ġenerali l-għarfien u l-għodod għall-prevenzjoni u l-ħarsien tat-tfal mill-vjolenza sesswali u l-abbuż, biex b'hekk titrawwem sensibilizzazzjoni dwar kemm hija mifruxa.

## Għaliex jinvolvi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali?

L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom responsabbiltà biex jissalvagwardjaw u jippromwovu s-sigurtà u l-benesseri tat-tfal u ż-żgħażagħ li jgħixu fit-territorju tagħhom, li jaħdmu flimkien mal-imsieħba bħal per ezempju t-tielet settur, organizzazzjonijiet pubbliċi u s-settur privat. Huma għandhom jadottaw strateġija bl-erba' elementi ta' Prevenzjoni, Protezzjoni, Prosekuzzjoni u Parteċipazzjoni - l-erba' "P". L-isfida għall-bliet u r-reġjuni Ewropej meta jittrattaw każijiet ta' vjolenza sesswali u abbuż fuq it-tfal hija li titrawwem sensibilizzazzjoni dwar il-problema, li jiġu żviluppati u implimentati pjanijiet ta' azzjoni bbażati fil-komunità u strateġiji li jindirizzaw l-erba' "P", u li jkun hemm investiment f'servizzi aħjar. Is-servizzi u l-azzjonijiet kollha għandhom jirrispettaw id-drittijiet tat-tfal, jagħtu prijorita' lill-aħjar interessi tat-tfal, u jippermettu li jinstemgħu l-opinjonijiet tat-tfal, sabiex iwasslu lokalment dak illi t-tfal u l-familji għandhom bżonn biex titwaqqaf il-vjolenza sesswali u l-abbuż sesswali, kif ukoll biex l-awturi tal-vjolenza/abbuż jinġiebu quddiem il-qrati.

## X'qed jipproponi l-Kungress?

Biex tindirizza d-dimensjonijiet lokali u reġjonali tal-kampanja WIEĦED MINN KULL ĦAMSA, il-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa adotta Pjan ta' Azzjoni Strateġiku li l-għanijiet speċifiċi tiegħu huma:

1. li jqajjem kuxjenza fost il-membri tal-Kungress, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u msieħba oħra dwar l-għanijiet tal-kampanja;

2. li jippromwovi l-użu tal-istandards u l-istrumenti legali tal-Kunsill tal-Ewropa (Konvenzjoni ta' Lanzarote u Linji Gwida għall-Ġustizzja Favur it-Tfal) meta jitwaqqfu strutturi u mekkaniżmi għall-ħarsien tat-tfal mill-forom kollha ta' vjolenza;

3. li jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex iniedu kampanji, jiżviluppaw strumenti ta' sensibilizzazzjoni biex jipprevjenu l-vjolenza sesswali kontra t-tfal, b'mod partikolari li jxerrdu u jadottaw materjal marbut ma' kampanji ta' sensibilizzazzjoni (Ir-Regola tal-Ħwejjeġ ta' Taħt) biex igħinu lill-ġenituri u carers biex jiddiskutu mat-tfal dwar il-vjolenza sesswali b'mod li jifhmuhom it-tfal;

4. li jippromwovi approċċ minn diversi partijiet interessati u jħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jiżviluppaw strutturi multi-dixxiplinarji, proċessi u mekkaniżmi koordinati bil-għan li jindirizzaw il-vjolenza sesswali kontra t-tfal;

5. li jiżviluppa kultura li permezz tagħha il-bliet u r-reġjuni ikunu aktar favur it-tfal u jippermettu t-tfal u liż-żgħażagħ li jipparteċipaw b'mod siewi fl-iżvilupp ta' komunitajiet sikuri u ħielsa mill-vjolenza sesswali.

## X'jixtieq il-Kungress tal-Kunsill tal-Ewropa li jagħmlu awtoritajiet lokali u reġjonali?

Jidher li azzjoni fuq livell lokali hija limitata, tabilħaqq riċerka mill-2010 li saret fir-Renju Unit tindika li inqas minn kwart tal-awtoritajiet lokali f'dak l-istat membru għandhom strateġija biex iħarsu lit-tfal mill-isfruttament sesswali[1]. Madankollu, ir-riċerka u

[1] What is going on to safeguard children and young people from sexual exploitation? Jago et al, October 2011

l-evidenza disponibbli tindika li l-isfruttament sesswali tat-tfal **qed iseħħ,** mhux biss fir-Renju Unit iżda wkoll f'kull qasam ta' kull wieħed mis-47 stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa, għalkemm il-metodi tal-ġbir tad-dejta mhux dejjem huma biżżejjed żviluppati biex isostnu dan l-argument.

L-għan tal-Kungress, għalhekk, huwa li jippromwovi l-kampanja WIEĦED MINN KULL ĦAMSA u biex titrawwem għarfien dwar il-Konvenzjoni ta' Lanzarote fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex iwasslu għall-adozzjoni ta' servizzi lokali u reġjonali favur it-tfal, biex jipproteġu lit-tfal u jgħinu biex tiġi evitata il-vjolenza sesswali fil-komunità.

Għalhekk, il-Kungress tal-Kunsill tal-Ewropa qed tħeġġeġ il-bliet u r-reġjuni kollha sabiex jimpenjaw ruħhom fil-kampanja WIEĦED MINN KULL ĦAMSA billi jiffirmaw il-Patt tal-Kungress tal-Bliet u r-Reġjuni biex Tieqaf il-Vjolenza Sesswali kontra t-Tfal.

## X'inhu l-Patt tal-Kungress għall-bliet u r-reġjuni biex tieqaf il-vjolenza sesswali kontra t-tfal?

Hija mixtieqa, anzi meħtieġa, azzjoni fil-fergħat kollha tal-erba' "P" deskritti hawn fuq. Il-Kungress fassal lista ta' azzjonijiet possibbli, jibdew minn dawk li jeħtieġu ftit li xejn infiq pubbliku, u jwasslu għal oħrajn li se jenħtieġu investiment sostanzjali minħabba l-ħtieġa li jiġu definiti strateġiji speċifiċi u u li jiġu mwaqqfa strutturi dedikati. Tkun xi tkun l-ispiża involuta, miżuri biex twaqqaf il-vjolenza sesswali u l-abbuż kontra t-tfal dejjem se jkunu effettivi ekonomikament peress li huma investiment

f’komunità b'saħħitha, ibbażata fuq ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem.

Għalkemm l-għan aħħari tal-Kungress huwa li hekk kif kemm jista’ jkun kunsilli u parlamenti lokali u reġjonali jiżviluppaw strutturi, proċessi u mekkaniżmi multi-dixxiplinarji kkordinati sabiex jittrattaw il-vjolenza sesswali u l-abbuż fuq it-tfal, għall-bidu il-bliet u r-reġjuni jistgħu jikkontribwixxu bil-mod il-mod għall-kampanja WIEĦED MINN KULL ĦAMSA billi jibdew f'livell ferm aktar modest, per eżempju billi jqajmu għarfien dwar il-kampanja permezz ta' link fuq il-homepage tagħhom.

Il-Kungress iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali minn madwar l-47 stat membru sabiex jirreġistraw għall-Patt u jibdew billi jimplimentaw tal-inqas waħda mill-azzjonijiet fuq il-lista ta’ kontroll tagħna u li jagħmlu progress fil-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali u l-abbuż fuq it-tfal billi jadottaw bħala għan aħħari tagħhom it-twaqqif ta' strutturi, proċessi u mekkaniżmi multi-dixxiplinarji kordinati.

## X'jinvolvi r-reġistrazzjoni għall-Patt?

Il-bliet u r-reġjuni parteċipanti ser jimpenjaw ruħhom għall-għan tal-Kungress ta' sensibilizzazzjoni ta' u ħolqien tal-istrutturi meħtieġa biex jittrattaw il-kwistjoni tal-vjolenza sesswali u l-abbuż tat-tfal billi jimplimentaw kemm jista’ jkun mill-azzjonijiet elenkati f'dan il-fuljett, jew tabilħaqq xi azzjonijiet oħra li jistgħu jgħinu lill-Kungress jikseb l-għan tiegħu.

## Min huma l-imsieħba ewlenin?

Il-Kunsill tal-Ewropa waqqaf netwerk ta' punti fokali maħtura mill-gvernijiet fis-47 stat membru li jistgħu jagħtu parir lil u jgħinu lill-awtoritajiet lokali biex jingħaqdu man-numru kbir ta’ NGOs u l-gruppi tas-soċjetà ċivili li diġà qed jaħdmu attivament fuq il-kampanja. Inħolqu timijiet nazzjonali tal-kampanja f'diversi stati membri sabiex jikkoordinaw u jimplimentaw ix-xogħol tal-kampanja u jkunu jistgħu jipprovdu gwida lill-livelli reġjonali u muniċipali. Il-muniċipalitajiet u r-reġjuni jistgħu wkoll jikkollaboraw mal-ministeri nazzjonali rilevanti.

L-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa waqqfet Netwerk ta’ Parlamentari ta’ Kuntatt biex jikkoordina l-azzjoni nazzjonali, Ewropea, u internazzjonali tal-parlamentari għall-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali fuq it-tfal. In-Netwerk, li bħalissa għandu 49 membru, jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prassi dwar l-azzjoni leġislattiva u politika implimentata f'kull stat membru.

## X'inhuma l-erba' "P"?

L-għan aħħari tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għandu jkun li jimpedixxi lit-tfal milli jkunu sfruttati. Għal dan il-għan, huma għandhom jiddeċiedu kif l-aħjar għandhom imexxu l-aġenziji tas-settur pubbliku biex jiżguraw li t-tfal u ż-żgħażagħ ikunu mħarsa u appoġġjati, filwaqt li jsegwu b'mod attiv il-prosekuzzjoni tal-ħatja. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jadottaw approċċ b'erba' saffi ta' Prevenzjoni, Protezzjoni, Prosekuzzjoni u Parteċipazzjoni - l-erba' "P": biex

jipprevjenu l-abbuż, iħarsu lill-vittmi, iressqu l-awturi quddiem il-qrati, u jiżguraw il-parteċipazzjoni sħiħa tat-tfal fil-proċess kollu.

F'din it-taqsima, inti ser issib informazzjoni dwar it-tip ta' azzjoni li tenħtieġ li tittieħed u għaliex hija meħtieġa.

## L-erba’ "P": Prevenzjoni

Hemm numru ta' azzjonijiet preventivi li jistgħu jittieħdu fuq livelli lokali u reġjonali li jgħinu biex jipprevjenu l-isfruttament sesswali u l-abbuż tat-tfal.

***Sensibilizzazzjoni***

L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom iwaqqfu programmi ta' prevenzjoni kontra l-abbuż sesswali u l-vjolenza fuq it-tfal u l-politika biex titqajjem is-sensibilizzazzjoni tat-tfal, tal-persuni li jaħdmu mat-tfal, tal-ġenituri, tal-familji, ta’ dawk li jieħdu ħsiebhom, u tal-pubbliku in ġenerali. Is-sensibilizzazzjoni tista’ twassal għall-bidla soċjali sabiex tappoġġja miżuri ta'

**<u>Proposti għall-Azzjoni</u>**

- Ipoġġu link għall-websajt WIEHED F’KULL ĦAMSA tal-Kunsill tal-Ewropa fuq il-homepages tal-belt u tar-reġjun
- Jorganizzaw sessjonijiet ta' informazzjoni fiċ-ċentri tad-daycare, fl-skejjel u fiċ-ċentri taż-żgħażagħ għat-tfal u l-istaff
- Iqassmu factsheets u fuljetti li fihom informazzjoni u linji gwida
- Jipprovdu taħriġ għall-professjonisti lokali u reġjonali
- Jorganizzaw diskussjonijiet u seminars għall-professjonisti kif ukoll għall-pubbliku
- Jużaw il-Ġimgħa Ewropea ghad-Demokrazija Lokali biex jiffokaw fuq il-kwistjoni
- Jikkoperaw mal-NGOs, il-midja u s-settur privat
- Use the European LocalDemocracy Week tohighlight the issue
- CooperatewithNGOs, the media and the private sector

prevenzjoni.

Il-programmi u l-istrateġiji ta' prevenzjoni għandhom jiżguraw illi l-partijiet interessati kollha jirċievu taħriġ professjonali adegwat u ta' kwalità għolja biex jiżguraw servizzi effettivi u siguri. Il-partijiet interessati jinkludu persuni kollha li jkollhom kuntatt regolari mat-tfal, per eżempju, il-ħaddiema soċjali, il-professjonisti tas-saħħa, l-għalliema (fil-livelli kollha mill-iskola tan-nuna sal-iskola sekondarja), il-pulizija, il-persunal fil-kumplessi kulturali, ta' divertiment u sportivi, il-knejjes, iċ-ċentri taż-żgħażagħ, l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, eċċ.

L-identifikazzjoni bikrija tat-tfal f'riskju għandha tkun parti minn kull strateġija, għandu jkun hemm għarfien adegwat tal-isfruttament sesswali u tal-abbuż sesswali tat-tfal u tenħtieġ sensibizzazzjoni dwar kif

- **Proposti għall-Azzjoni**
- Jiżguraw li numri tal-helplines għat-tfal nazzjonali u Ewropej ikunu disponibbli faċilment
- Joħolqu one-click link fuq il-homepage tal-belt jew tar-reġjun għal aċċess ta' malajr biex jgħinu u jagħtu pariri
- Ifasslu u jqassmu memori cards żgħar li jingarru faċilment li jkun fihom in-numri u l-indirizzi siewja għat-tfal kollha tal-iskola
- Jipproduċu kalamiti ta' mal-friġġ bin-numri importanti għal kull dar
- Juru tabelluni li jkun fihom informazzjoni dwar fejn ghandhom imorru f'postijiet frekwentati mit-tfal
- Jagħmlu materjal edukattiv favur it-tfal disponibbli fl-iskejjel u l-klabbs taż-żgħażagħ
- Iqassmu factsheets jew fuljetti fuq l-imġieba online sigur
- Jiffaċilitaw ir-rappurtar ta' attivitajiet illegali online
- Distributefactsheets or leaflets on safe online behaviour
- Facilitatereporting of online illegalactivity

wieħed għandu jagħraf is-sinjali li jistgħu jindikaw il-vjolenza sesswali, bħal tibdil fl-imġieba.

Il-ġenituri, il-familji u dawk li jieħdu ħsieb it-tfal għandhom jitgħallmu wkoll dwar kif jagħrfu l-indikaturi tal-isfruttament sesswali u l-abbuż tat-tfal, dwar l-azzjoni li għandha tittieħed u dwar l-impatt li għandhom fuq it-tfal u l-familji.

Għandu jingħata ukoll taħriġ dwar il-miżuri preventivi, bħall-monitoraġġ tal-spazji online, u t-tfal għandhom jiġi mgħejuna sabiex jipproteġu lilhom infushom, per eżempju billi jagħrfu kontenut ta' ħsara fuq l-Internet jew il-kuntatti mhux f'lokhom ma' barranin li jistgħu jitolbuhom biex jiżvelaw informazzjoni personali sabiex jinħabbu magħhom (grooming). Dan it-taħriġ għandu jingħata kemm lill-ġenituri li għandhom jiġu mgħallma kif jimmonitorjaw u jikkontrollaw l-aċċess għall-Internet, u kif ukoll lit-tfal li għandhom jitgħallmu dwar ir-riskji u l-perikli tal-Internet. Jistgħu jiġu mfassla għodod għas-sikurezza tal-Internet online għat-tfal, għall-ġenituri, għall-għalliema, u għall-familji b'kooperazzjoni ma' NGOs jew organizzazzjonijiet oħra, jew jistgħu jintużaw għodod eżistenti ta' sensibilizzazzjoni.

Azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni għandhom ikunu mmirati wkoll lejn il-pubbliku in ġenerali li għandu jirċievu informazzjoni dwar dan il-fenomenu u dwar miżuri preventivi li jistgħu jittieħdu. Dan jista' jsir per eżempju permezz ta' link mill-homepage tal-belt jew tar-reġjun għas-sit elettroniku tal-kampanja WIEĦED MINN KULL ĦAMSA tal-Kunsill tal-Ewropa. Hotlines nazzjonali u Ewropej u helplines jistgħu jiġu promossi fuq livell lokali.

***Sensibilizzazzjoni u materjal edukattiv.***

Il-Kunsill tal-Ewropa żviluppa materjal sabiex ifiehem aħjar il-kwistjoni tal-vjolenza sesswali u l-abbuż tat-tfal u biex jippromwovi l-messaġġi tal-kampanja. Il-materjal ġie imfassal

għall-użu minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, gruppi konsultattivi u professjonisti li jaħdmu għal u mat-tfal. Ġie żviluppat materjal speċifiku ta' sensibilizzazzjoni, tradott f'36 lingwi Ewropej, biex jagħti s-setgħa lill-ġenituri u lit-tfal biex ikunu jistgħu jipprevjenu u jirrapportaw il-vjolenza sesswali (www.underwearrule.org). L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jistampaw u jqassmu bl-aktar mod wiesa' il-materjal tal-kampanja WIEĦED MINN KULL ĦAMSA fl-iskejjel, crèches, u stabbilimenti oħra li jilqgħu lit-tfal (klabbs taż-żgħażagħ, assoċjazzjonijiet taż-żgħażagħ bħal guides, scouts, eċċ). (Kuntatt: 1in5@coe.int).

***Edukazzjoni tat-tfal***

Permezz tat-tagħlim dwar l-abbuż u l-vjolenza sesswali, inkluż it-tipi differenti ta' vjolenza u sitwazzjonijiet ta' riskju, it-tfal jiżviluppaw l-għarfien u l-ħiliet biex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati, siguri u b'saħħithom sabiex jevitaw ir-riskju ta' sfruttament sesswali u abbuż, u b'hekk ikunu kapaċi li jiżviluppaw relazzjonijiet b'saħħithom u pożittivi.

Materjal edukattiv effettiv, immirat skont l-età, u mfassal għall-bżonnijiet u s-sensittivitajiet partikolari tat-tfal, inkluża informazzjoni li hija kulturalment sensittiva u f'lingwaġġ li jifhmuh it-tfal, għandu jintuża fiż-żewġ livelli, primarju u sekondarju. It-tfal b'hekk jipperċepixxu l-messaġġ dwar x'inhi l-vjolenza sesswali u kif jagħrfuha, u dan jappoġġja l-prevenzjoni permezz tal-promozzjoni ta' prassi sikura. Għandha tiġi inkluża informazzjoni dwar it-teknoloġiji ġodda ta' komunikazzjoni u r-riskji involuti fl-imġieba online u dwar kif għandhom jirrappurtaw kontenut online illegali.

Kwalunkwe kampanja edukattiva u informattiva għandha tinkludi indikaturi għal egħjun ta' pariri u appoġġ, per eżempju linji tat-telefon dedikati jew *helplines*, b'mod partikolari n-numri nazzjonali u Ewropej, li huma wkoll operattivi barra l-ħinijiet

normali tax-xogħol, sabiex li t-tfal ikunu jafu lejn min għandhom iduru. Memory cards, key rings jew covers għat-telefon ċellulari żgħar, faċli biex jinġarru u li jkollhom numri u indirizzi siewja jistgħu jitqassmu lit-tfal kollha tal-iskola biex iżommuhom magħhom fil-basket tal-iskola tagħhom. L-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jipproduċu kalamiti ta' mal-friġġ b'din l-informazzjoni biex jiżgura li kull tifel u tifla f'kull dar ikollhom aċċess faċli għal din l-informazzjoni. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jiżguraw illi l-informazzjoni u l-għajnuna jistgħu jinkisbu faċilment - huwa faċli li toħloq one-click link viżibbli b'mod ċar fuq il-websajt tal-belt/reġjun li twassal lit-tfal għall-għajnuna u pariri. Informazzjoni dwar fejn imorru u lil min għandhom jikkuntattjaw għandha tintwera fil-postijiet kollha frekwentati mit-tfal: fl-iskejjel, gruppi ta' logħob, ċentri taż-żgħażagħ, ċentri tas-saħħa, librerija pubbliċi, servizzi tal-inċidenti u ta' emerġenza, kliniki tas-saħħa sesswali, websajts tal-awtoritajiet lokali, knejjes, eċċ .

***Imsieħba fl-attivitajiet ta' prevenzjoni***

Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet biex iwaqqfu istituzzjonijiet indipendenti għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal. Hija tissuġġerixxi wkoll il-ħatra ta' persuna jew korp sabiex titqajjem is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-isfruttament sesswali u l-abbuż tat-tfal bħal per eżempju Ombudsperson tat-Tfal, Avukat tat-Tfal jew Kummissarju għad-Drittijeit tat-Tfal. Dawn il-pożizzjonijiet jistgħu jitwaqqfu fil-livell lokali u/jew reġjonali.

Bosta organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet - fil-livelli internazzjonali, Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali - huma attivi ħafna fil-ġlieda kontra l-vjolenza sesswali u l-abbuż fuq it-tfal. Ħafna minnhom pproduċew dokumenti ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni u materjal li jistgħu jitqassmu b'mod wiesa'. Assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u l-awtoritajiet infushom, għandhom jaħdmu ma' dawn l-organizzazzjonijiet biex jiżguraw li dan il-materjal jintuża ti b'mod wiesa'.

**Proposti għall-Azzjoni**

- Jinnominaw persuna jew korp fil-livelli lokali/reġjonali li tqajjem kuxjenza dwar il-vjolenza sesswali u l-abbuż tat-tfal
- Jaħdmu mas-soċjetà ċivili biex tinġabar informazzjoni dwar sitwazzjonijiet lokali speċifiċi biex jinfurmaw il-politika u l-azzjoni
- Jikkoperaw mal-midja
- Jikkoperaw bejn il-fruntieri tal-bliet

L-isfruttament u l-abbuż sesswali tat-tfal huwa magħruf bħala r-reat mistur peress illi t-tfal vittmi tipikament jesperjenzaw diffikultà kbira biex jikxfuha. Dan flimkien man-nuqqas ta' metodi standardizzati u kumparabbli ta' ġbir tad-dejta jagħmluha diffiċli li tinkiseb stampa ċara tal-ambitu tal-problema. Huwa importanti li l-awtoritajiet lokali u/jew reġjonali jwaqqfu mekkaniżmi għall-ġbir tad-dejta biex josservaw u jevalwaw is-sitwazzjoni fit-territorju tagħhom. Grazzi għad-dejta miġbura, l-awtoritajiet jistgħu jiistmaw ir-riskji, il-firxa u n-natura tal-isfruttament sesswali tat-tfal fit-territorju tagħhom u jistabbilixxu tweġibiet infurmati għall-problema.

Organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jaħdmu mal-awtoritajiet lokali u reġjonali fuq proġetti u programmi bil-għan li jipprevjenu u jipproteġu lit-tfal, u dan jista' jagħmlu ukoll is-settur privat, b'mod partikolari s-settur tat-teknoloġija ta'

komunikazzjoni informatika u l-midja. Il-koperazzjoni fil-livell reġjonali tista’ tkun effettiva fl-identifikazzjoni tal-awturi ta’ abbuż/vjolenza li jaqsmu il-konfini tal-bliet, per eżempju fil-każijiet ta' traffikar tat-tfal.

## L-erba "P": Protezzjoni

Bħala l-livell ta' governanza li huwa eqreb għall-vittmi ta' sfruttament u abbuż sesswali tat-tfal, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex iwaqqfu strutturi li jħaddnu l-atturi kollha fil-katina ta' kura u jiżguraw li l-aħjar appoġġ u assistenza possibbli tingħata lit-tfal. Huma għandhom ukoll id-dmir li jaqdu mhux biss il-ħtiġijiet tat-tfal vittmi, iżda wkoll is-sistema familjari u l-komunità kollha kemm hi. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jippromwovu approċċ minn diversi partijiet interessati u jiżviluppaw strutturi, proċessi u mekkaniżmi multi-dixxiplinarji kkordinati biex jindirizzaw il-vjolenza sesswali kontra t-tfal.

**<u>Proposti għall-Azzjoni</u>**

- Twaqqif ta’ djar adattati għat-tfal li jkunu multi-agenzija u multi-dixxiplinarji
- Introduzzjoni tal-obbligu tar-rappurtar fil-livelli lokali/regjonali
- Reklamar tan-numri tat-telefon nazzjonali u Ewropej jew helplines online
- ħrug ta’ linji gwida ċari għall-professjonisti kollha li jaħdmu mat-tfal għar-rappurtar

***Ċentri multi-dixxiplinari***

Il-bliet u r-reġjuni għandhom jadottaw approċċ integrat u olistiku bbażat fuq strateġija ta’ multi-aġenzija u iwaqqfu awtoritajiet speċjalizzati u dedikati bi rwoli u responsabbiltajiet definiti b'mod ċar li jiġbru flimkien is-servizzi lokali kollha involuti

fil-protezzjoni tat-tfal u fit-titjib tal-benesseri tagħhom. Għandhom jiġu żviluppati strateġiji ta' ħarsien lokali li jinkludu proċeduri u sistemi lokali speċifiċi.
F'ħafna pajjiżi Ewropej, il-responsabbilta' għall-prolema tal-abbuż sesswali tat-tfal hija f'idejn ħafna aġenziji differenti li kollha jinvestigaw il-każijiet. It-tfal jiġu suġġetti għal intervisti ripetuti li jirriżultaw f'vittimizzazzjoni mill-ġdid tat-tfal u li jistgħu jikkawzaw l-istess ħsara jew saħansitra aktar ħsara mill-abbuż oriġinali. Il-Konvenzjoni ta' Lanzarote tippromwovi t-twaqqif ta' ċentri multi-aġenzija u multi-dixxiplinarji tat-tip "one-stop" fejn il-professjonisti kollha involuti fl-investigazzjoni ta' każijiet ta' abbuż tat-tfal - servizzi tal-benesseri tat-tfal u tal-kura tas-saħħa, infurzar tal-liġi, awtoritajiet ġudizzjarji, eċċ - jaħdmu taħt saqaf wieħed biex jiġi żgurat li t-tfal vittmi ta' vjolenza sesswali ma jiġux soġġetti għal iktar abbuż (il-kunċett ta' Djar Favur it-Tfal). Huwa importanti li t-tfal jistgħu imorru f'postijiet fejn jistgħu jesprimu ruħhom fil-kunfidenza, liberament u b'mod kunfidenzjali, u fejn iħossuhom sikuri. Dawn iċ-ċentri jippermettu għal dan: it-tfal jistgħu jiġu intervistati u eżaminati medikament għal skopijiet forensiċi, valutati b'mod komprensiv u jirċievu s-servizzi terapewtiċi rilevanti kollha mill-professjonisti xierqa filwaqt li jiġu evitati intervisti ripetuti u l-vittimizzazzjoni mill-ġdid tat-tfal.

Aktar tfal jistgħu jiġu protetti kieku l-obbligu li jirrappurtaw is-suspetti kien obbligatorju, mingħajr ma' dak l-obbligu jikser ir-regoli ta' kunfidenzjalità eżistenti jew l-kunfidenza tat-tfal. Linji gwida ċari għandhom jinħarġu lill-professjonisti kollha li jaħdmu mat-tfal dwar kif għandhom jirreferu t-tħassib tagħhom lill-aġenziji xierqa, l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom imbagħad jagħmlu l-inkjesti biex jiġi aċċertat jekk hemmx raġuni valida għal suspett ta' abbuż. Il-partijiet interessati għandhom ukoll ikunu jafu dwar il-protezzjoni u d-drittijiet tat-tfal, kif ukoll

dwar l-importanza li l-aħjar interess tat-tfal jiġi l-ewwel u qabel kollox.

Għandhom jitwaqqfu linji tat-telefon jew helplines online li jipprovdu lit-tfal b'aċċess faċli u pariri anonimu, fejn dawn ma jeżistux fuq livell nazzjonali.

***Imsieħba fl-attivitajiet ta' protezzjoni***
NGOs u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili huma msieħba importanti, speċjalment dawk involuti fl-għoti ta' assistenza lill-vittmi.

## L-erba’ "P": Prosekuzzjoni

Il-Konvenzjoni ta’ Lanzarote tikkriminalizza sensiela ta' atti u għalkemm il-proċeduri għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-awturi huma x’aktarx definiti fil-leġiżlazzjoni kriminali nazzjonali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali xorta għandhom rwol f'dan il-qasam. Fl-azzjonijiet kollha f'dan l-istadju, inkluż matul l-investigazzjonijiet u proċeduri ġudizzjarji, l-aħjar interess tat-tfal, id-drittijiet u l-vulnerabbiltà tagħhom għandhom ikunu il-prijorita’ ewlenija.

***Assistenza lill-vittmi***
L-awtoritajiet għandhom jiżguraw, inkluż b'koperazzjoni ma' NGOs, li jittieħdu ċerti miżuri bħall-għoti ta' assistenza b’xejn matul il-proċeduri ġudizzjarji, pariri għall-ġenituri u l-aħwa, u assistenza terapewtika.

***Kif jiġu trattati l-awturi***
L-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jiżguraw li jingħataw is-servizzi adegwati ta' appoġġ, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġu evitati offiżi ripetuti. Huma jistgħu jiżguraw ukoll li awturi jirċievu

informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u s-servizzi disponibbli għalihom.

### L-erba’ "P": Parteċipazzjoni

Il-Kunsill tal-Ewropa jemmen li d-dritt li jinstemgħu u jittieħdu bis-serjetà huwa fundamentali għad-dinjità umana u l-iżvilupp b'saħħtu ta' kull tifel u żagħżugħ. Huwa meħtieġ li nisimgħu lit-tfal u ż-żgħażagħ u li nagħtu importanza xierqa lill-fehmiet tagħhom skond l-età u l-maturità tagħhom għall-implimentazzjoni effettiva tad-dritt tagħhom li l-aħjar interessi tagħhom ikunu konsiderazzjoni primarja fil-kwistjonijiet kollha li jaffettwawhom u li jiġu protetti mill-vjolenza, l-abbuż, in-negliġenza u l-maltrattament[2]. Kull azzjoni mill-awtoritajiet lokali u reġjonali għandha titmexxa minn dan il-prinċipju.

## X'azzjoni speċifika tista' tittieħed fil-livell reġjonali?

Filwaqt li ħafna miżuri rrakkomandati mill-Konvenzjoni ta' Lanzarote se jkollhom jiġu trasposti fil-liġijiet kriminali u ċivili, li huma normalment ir-responsabbilità tal-istat, xi kwistjonijiet kruċjali fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal jistgħu jaqgħu taħt il-kompetenza tar-reġjuni, bħar-regolamentazzjoni u l-organizzazzjoni ta’ servizzi ta' benesseri, soċjali u tas-saħħa u l-adozzjoni ta' miżuri u strutturi speċifiċi sabiex jipprevjenu u

---

[2] Rakkomandazzjoni CM/Rec(2012) tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-partecipazzjoni tat-tfal u ż- żgħażagh taħt it-18-il sena.

jipproteġu lit-tfal mill-isfruttament sesswali u l-abbuż. L-awtoritajiet reġjonali u l-parlamenti għandhom jaraw liema miżuri, kemm leġiżlattivi kif ukoll amministrattivi, huma jistgħu jieħdu sabiex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet li jaqblu mal-livell tal-Konvenzjoni ta' Lanzarote.

## Il-Patt kif se jaħdem fil-prattika?

Rappreżentanti lokali u reġjonali eletti huma mistiedna biex iġibu l-Patt għall-attenzjoni tal-kollegi tagħhom u tad-dipartimenti responsabbli, fil-bliet u r-reġjuni tagħhom, għas-saħħa, il-benesseri u s-sigurtà tat-tfal, sabiex ikunu jistgħu jagħmlu kampanja għall-implimentazzjoni tal-inizjattivi proposti fih.

### Pjattaforma *online* biex wieħed jirreġistra għall-Patt

Rappreżentanti lokali u reġjonali eletti jistgħu jirreġistraw fuq "il-Pjattaforma Patt" tal-Kungress (www.coe.int/congress-pact). Bliet u reġjuni li jixtiequ jimplimentaw il-patt, jew li jkunu diġà nedew xi inizjattivi, huma wkoll mistiedna jirreġistraw.

Fuq din il-pjattaforma, kulħadd se jkollu il-possibbiltà li jipprovdi informazzjoni dwar inizjattivi u strutturi ġodda, kif ukoll dwar miżuri eżistenti u jkun jista' jiġi lura għall-pjattaforma kull darba li jiġu implimentati attivitajiet ġodda. B'din l-informazzjoni il-progress, fuq livelli lokali u reġjonali, tal-kampanja WIEĦED MINN KULL ĦAMSA ikun jista' jitkejjel.

# Lista ta' kontroll għall-azzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

## Prevenzjoni

- ☐ Ipoġġu link għall-websajt WIEĦED MINN KULL ĦAMSA tal-Kunsill tal-Ewropa fuq il-homepage tal-belt u tar-reġjun
- ☐ Jorganizzaw sessjonijiet ta' informazzjoni fiċ-ċentri tad-daycare, fl-skejjel u fiċ-ċentri taż-żgħażagħ għat-tfal u l-istaff
- ☐ Iqassmu factsheets u fuljetti li fihom informazzjoni u linji gwida
- ☐ Jipprovdu taħriġ għall-professjonisti lokali u reġjonali
- ☐ Jorganizzaw diskussjonijiet u seminars għall-professjonisti kif ukoll għall-pubbliku
- ☐ Jużaw il-Ġimgħa Ewropea għad-Demokrazija Lokali biex jiffokaw fuq il-kwistjoni
- ☐ Jikkoperaw mal-NGOs, il-midja u s-settur privat
- ☐ Jinnominaw persuna jew korp fil-livelli lokali/reġjonali li tqajjem kuxjenza dwar il-vjolenza sesswali u l-abbuż tat-tfal
- ☐ Jaħdmu mas-soċjetà ċivili biex tinġabar informazzjoni dwar sitwazzjonijiet lokali speċifiċi biex jinfurmaw il-politika u l-azzjoni
- ☐ Jikkoperaw bejn il-fruntieri tal-bliet
- ☐ Jippromwovu helplines nazzjonali u Ewropej tat-tfal
- ☐ Joħolqu one-click link fuq il-homepage tal-belt jew tar-reġjun għal aċċess ta' malajr biex jgħinu u jagħtu pariri

- Ifasslu u jqassmu memory cards żgħar li jinġarru faċilment li jkun fihom in-numri u l-indirizzi siewja għat-tfal kollha tal-iskola
- Jipproduċu kalamiti ta' mal-friġġ bin-numri importanti għal kull dar
- Jesponu tabelluni f'postijiet frekwentati mit-tfal li jkun fihom informazzjoni dwar fejn għandhom imorru
- Jagħmlu materjal edukattiv favur it-tfal disponibbli fl-iskejjel u l-klabbs taż-żgħażagħ
- Iqassmu factsheets jew fuljetti fuq l-imġieba online sigur
- Jiffaċilitaw ir-rappurtar ta' attivitajiet illegali online

## Protezzjoni

- Iwaqqfu djar multi-aġenziji u multi-dixxiplinarji favur it-tfal
- Jintroduċu obbligi biex ikun hemm rappurtar fuq livelli lokali/reġjonali
- Jippromwovu linji gwida dwar rappurtar għall-professjonisti li jaħdmu mat-tfal

## Dokumenti u siti ta’ referenza

- WIEĦED MINN KULL ĦAMSA, il-kampanja tal-Kunsill tal-Ewropa biex tieqaf il-vjolenza sesswali kontra t-tfal
- Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament Sesswali u l-Abbuż Sesswali
- L-Istrateġija tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tat-Tfal 2012-2015
- Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin
- Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità
- Konvenzjoni Ewropea dwar l-Eżerċizzju tad-Drittijiet tat-Tfal
- Linji gwida tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġustizzja, adattati għat-tfal
- Rakkomandazzjoni dwar il-Parteċipazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ taħt l-età ta' 18
- Skopri d-drittijiet tat-tfal!
- Għolli jdejk kontra s-swat!
- Wild Web Woods